MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 1362/1998/1

**Publius (Leo) Said & Sons Ltd**

**Vs**

**Alfred Abela**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas is-somma ta’ elf lira (Lm1000) illi hu kien avvanza in konnessjoni ma ftehim dwar “amusement machines” fir-Rocky Bar il-Marsa u dan ghaliex ma zammx l-istess Bar ghaz-zmien miftiehem.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja tas-16 ta’ Frar 1998 u bl-imghax legali mill-1 ta’ Dicembru 1997.

Il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, billi ma huwiex minnhu illi s-socjeta' attrici forniet "amusement machines" lill-esponent u lanqas illi l-esponent hu tenut li jhallas s-somma pretiza lis-socjeta' attrici;
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut (fol 45) u d-digriet relattiv moghti fis-16 ta' Ottubru 2003 (fol 46A ibid) u li permezz taghha, l-istess konvenut espona bir-rispett:

1. Illi l-azzjoni odjerna hija nulla ai termini tal-Artikolu 1713 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi Publius Said (fol 13 fol 40 u fol 67 et seq ibid) spjega li ibnu Johann Said kien gie avvicinat min certu Darren Abela, bin il-konvenut, sabiex jforni certu numru ta' "amusement machines" li kellhom jigu stallati f''bar' fil-Marsa. Kien gie informat ukoll illi Darren Abela xtaq, skond kif jsir is-soltu, "…rigal ta' elf lira Maltin". Dwar din il-proposta, ix-xhud jidher li kien dispost li jaghmel ftehim ma missier Darren Abela, il-konvenut odjern, in vista li "kien jafu hafna" L-istess xhud kompla jispjega li dik is-somma flus kienu "… jinghataw sabiex minn jiehu l-'amusement machines' taghna ma jdahhalx magni ohra ta' haddiehor". Difatti kien gie iffirmat il-ftehim bejn is-socjeta attrici u l-konvenut, liema ftehim jinsab esebit in vera fotokopja a fol 19 ibid. Mill-ftehim esebit, iffirmat mill-partijiet involuti f'din il-kawza kif ukoll minn Darren Abela, jidher illi s-socjeta attrici qed iforni lill-"Abelas", li

jiggestixxu l-istabilment bl-isem “Rocky Bar” fil-Marsa “amusements machines’ taht certi kondizzjonijiet fosthom ghal perjodu li ma jkunx anqas minn hames (5) snin mill-10 ta’ Jannar 1995, id-data tal-istess ftehim li ma jiddahhlux fl-istess ‘bar’ magni bhal dawk in esami hlief tas-socjeta attrici, il-fornitura ta’ televisjoni u l-hlas ta’ Lm800 lill “Abelas” “… ghal xi spejjes li jistghu jinqalghu”. Difatti gie espressament miftiehem li jekk “Ghal xi raguni tkun li tkun sa hames snin, l-“Abelas" jispiccaw qabel, jirritornaw lura s-somma u t-television”. Hu spjega ulterjorment dwar l-Lm1000 imsemmija illi dawn kienu thallsu skond il-ftehim lill-konvenut wahdu b’dan li Lm200 minnhom kellhom jintuzaw sabiex jigi akkwistat televisjoni. Eventwalment wara li l-imsemmi ‘bar’ li kien sar “… speci post tal-loghob fuq iz-zwiemel” b’hafna televisions jew monitors, il-konvenut ‘wara xi sena’ jew sena’ u disa’ xhur minn mindu kien ha l-post kien wella l-istess stabbilment lil terza persuna. Difatti l-magni forniti mis-socjeta attrici kienu gew ritornati izda l-istess ma jistax jinghad dwar l-Lm1000 in kwistjoni. Jidher li, pero, kien sar tentattiv sabiex issir refusjoni ta’ Lm400 izda dan il-hlas ma giex accettat (ara id-dokumenti a fol 16 sa fol 18 ibid) kif ukoll ix-xhieda ta’ James Said a fol 79 ibid).

Illi Johann Said tifel iehor tax-xhud precedenti (a fol 23 u fol 71 et seq ibid) ikkonferma, sostanzjalment dak li kien xehed missieru, ix-xhud precedenti waqt li specifika illi l-fornitura in esami kienet tirreferi ghal tlett “amusement machines’ kif ukoll “table soccer u ‘billiards’ u cahad li kien ta’ l-kunsens tieghu sabiex dawn jigu konvertiti f’’gambling machines’.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 29 u fol 54 et seq ibid) semma’ li kien minnu li kienet thallset mis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm800 izda “… qatt ma nghatajna t-televizjoni hemm imsemmi’ (b’referenza ghal paragrafu H tal-ftehim hawn fuq indikat).

Hawnhekk, hu kompla biex jghid illi, fil-bidu, il-magni in kwistjoni kienu “amusement machines’ izda eventwalment

gew trasformati magni b''jackpot' liema bidla saret wara ".. diskors bejn ibni u t-tifel ta' Publius Said". Eventwalment, il-'bar' ma tkompliex jigi gestit minn meta ghaddew tlett snin u nofs ghax '….bdejna mmorru hazin' u ghalhekk is-socjeta attrici talbet lura Lm1000 in kwistjoni. Minflok hu kien offra s-somma ta' Lm400 "a saldu" liema offerta ma gietx accettata. Prodott mill-konvenut u in kontro esami, xehed ibnu Darren Abela (fol 43 u fol 57 et seq ibid) li spjega li l-ftehim in esami, iffirmat minnu ukoll, kien jinvolvi 'amusement machines'. Dwar is-somma kontestata u sostna li kienu thallsu, biss Lm800 u 'ma inghatajna l-ebda television'. Inoltre kienu gew konsenjati 'amusement machines' ".. pero, hu qal, ukoll, li eventwalment bdew jigu 'gambling machines', li ingiebu wara gimgha. Skond ix-xhud, hu kien qal lis-socjeta attrici sabiex dawn tal-ahhar, li jinvolvu loghob tal-azzard, johduhom lura izda dan ma kienx avvera ruhu. Dwar dan ix-xhud sostna li ".. ma kontx naf li kien ser igibli dawn il-gambling machines'.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher car, fil-fehma tal-Qorti, illi skond il-ftehim imsemmi, is-socjeta attrici kienet forniet, filfatt, 'amusement machines' u mhux magni li jinvovlu loghob tal-azzard.

Illi s-somma in kwistjoni, filfatt thallset kollha kemm hi lill-konvenut wahdu, u dan sabiex il-konvenut ma jdahhalx fl-istabbilment imsemmi magni tal-istess tip u sabiex jkun jista' jakkwista 'televisjoni'.

Illi l-konvenut, effettivament, ma kienx ottempra ruhu mal-paragrafu "H" tal-imsemmi ftehim u b'hekk, hu obligat li jirrifondi lura s-somma kollha mhallsa lilu.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-eccezzjoni ulterjuri sottomessa a basi tal-artikolu 1713 tal-Kodici Civili, li jispecifika illi l-ebda azzjoni tista' tigi proposta in konnessjoni ma dejn li jinvolvi loghob tal-azzard, ma hlas ta' mhatra jew in rigward somma

mohbija intisa sabiex tintuza f'loghob tal-azzard jew ghall-pagament ta' flus mitlufa f'loghob tal-istess natura.

Illi, l-Qorti ma tarax kif tista' tapplika dan l-artikolu fil-kaz in desamina, tenut kont ta' dak li, fil-fehma tal-istess Qorti, irrisulta, fuq bazi ta' probabilta mill-provi prodotti u kif hawn fuq esposti. Certament is-somma involuta ma tinkwadrax ruha f'xi wiehed mill-kazijiet kontemplati fl-artikolu citat mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, it-talba attrici ghandha tigi akkolta fil-konfront tal-konvenut wahdu peress li l-istess somma, fuq insistenza ta' Publius Said, kienet thallset lill-istess konvenut.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm1000 bl-imghax legali dovut mis-7 ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta' Frar 1998.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------